**7 ta' Marzu, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**
**Francesco Mifsud**
***versus***
**Leone Agius**

**Self — Soċjetà — Imgħax — Użura — Art. 1949 u 1948 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Flus li jiġu mogħtija b'self huma suġġetti għar-regoli li jiggovernaw is-self, avvolja d-denominazzjoni li tingħata lill-att tkun diversa; u għalhekk, fil-każ li l-imgħax ma jkunx ġie miftiehem, ir-rata t'egħu għandha titqies dik tal-ħamsa fil-mija fis-sena; u jekk ikunu tħallsu imgħaxijiet iżjed minn dak permess mill-liġi, iż-żejjed jitnaqqas m'll-kapital.*

*Mhix aċċettabbli l-allegazzjoni li bejn il-partijiet, meta ġew somministrati dawk il-flus, saret soċjetà, jekk il-kumpens għal dik 's-somministrazzjoni kien perijodiku u dejjem l-istess, kien x'kien il-qliegħ li min irċieva l-flus għamel bl-impjieg tagħhom. Għax is-soċjetà u s-self huma żewġ kuntratti li jixxiebħu ħafna, u spiss saru tentattivi biex self jiġi mogħti l-apparenza ta' soċjetà; imma, jekk il-benefiċċju attribwit lil min jivversa flusu ikun perijodiku u fiss, ikun hemm self; għall-kuntrarju, jekk dak il-benefiċċju jkun ivarja u jkun proporzjonat għall-profitti, ikun każ ta' soċjetà.*

*Konsegwentement, jekk w'eħed jivversa flus biex min jirċevihom iħaddimhom, b'dan li jobliga ruħu li jikkorrispondi rata fissa u perijodika għall-użu ta' dawk il-flus, u li tkun indipendenti mill-profitti li jkollu min jirċievi dawk il-flus, ikun il-każ ta' self, u mhux ta' soċjetà; u l-isem mogħti lill-kuntrattazzjoni fis-sens li din kienet soċjetà tkun qiegħed jimmaskera operazzjoni ta' self; b'mod li jekk ir-rati li jitħallsu jkunu jissuperaw 'r-rata legali tal-imgħax, il-flus imħallsin iżjed minn dik ir-rata jikkostitwixxu użura, u għandhom jiġu ridotti għar-rata legali, u ż-żejjed jiġi mnaqqas mill-kap'tal.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-attur silef lill-konvenut issomma ta' £20 u s-somma ta' £50, kif jidher mill-annessi skritturi privati (dok. A u B); u peress illi t-terminu għall-ħlas taż-żewġ ammonti fuq imsemmija skada; talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur l-ammont globali fuq imsemmi ta' £70, flimkien mal-imgħax legali sal-eventwali pagament. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jinsab ammess fiċ-ċitazzjoni, l-attur "silef" lill-konvenut l-ammonti hemm indikati, permezz ta' żewġ skritturi privati mal-istess ċitazzjoni eżibiti; fix-xhieda tiegħu, mbgħad, l-attur żied illi l-konvenut ippromettielu illi sejjer jagħtieh parti mill-profitti li jagħmel, billi dawk il-flus hu kien sejjer jinnegozjahom fil-biljetti tal-Lottu Publiku, u fil-fatt kien jagħtieh £2 kull xahar, tiġġedded l-iskrittura relattiva, u fiha jingħad illi dawk iż-żewġ liri kienu profitti; qal ukoll illi l-£20 li silef lill-konvenut tahomlu mhux biss biex isarraf il-biljetti, imma anki għall-bżonnijiet tal-familja;

Illi l-attur jippretendi li, ladarba ma ntużatx il-kelma "imgħax", il-flus imħallsa lilu bħala profitti ma għandhomx jitnaqqsu mid-dejn tal-konvenut; mill-banda l-oħra, il-konvenut spjega fix-xhieda tiegħu (fol. 28 tergo) illi bil-kelma "profitti" hu ried ifisser li ż-żewġ liri kien iħallashom lill-attur talli dan tah il-flus in kwistjoni, u għalhekk jgħid li għandhom jiġu konteġġjati bħala imgħax dovuti skond il-liġi;

Illi, ladarba l-flus ġew mill-attur "mislufa", ir-rapporti li nħolqu bejn il-kontendenti huma suġġetti għar-regoli li jiggovernaw is-self, għad li d-denominazzjoni mogħtija lill-kuntratt kienet diversa (art. 1949 Kod. Ċiv.); u għalhekk, f'każ ta' self bl-imgħax mingħajr ftehim fuq ir-rata, l-imgħax jitqies bil-ħamsa fil-mija (5%) fis-sena;

u jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak permess mill-liġi, iż-żejjed jinqata' mill-kapital (art. 1948(3) Kod. Civ.);

Illi d-difensur tal-attur, fid-dibattitu orali, ried jinsinwa li bejn il-kontendenti kien hemm speċi ta' soċjetà — ħaġa li fil-fehma tal-Qorti ma tirrikorrix; iżda anki jekk, "ex hypothesi", wieħed irid jimmaġina li kien hemm soċjetà, din kienet biex timmaskera l-użura. Jgħid Marcadè: — "La società ed il prestito sono due contratti molto somiglianti, e spesso si è tentato di nascondere un prestito sotto la forma di una società. Onde poter distinguere questi due contratti, vuolsi indagare se il beneficio attribuito alla parte per il versamento dei fondi nella cassa sociale sia di una somma periodica fissa o di una somma variabile e proporzionata ai profitti ottenuti. Nel primo caso vi è prestito; nel secondo vi è società" (Cod. Napol., art. 1907, §305, paġ. 162). Fil-każ tagħna, ir-rata talkumpens kienet fissa u perijodika, u dejjem tħallset mingħajr varjazzjoni, għad li l-konvenut mill-flus in kwistjoni mhux dejjem kien jagħmel profitt (fol. 28 tergo); u dan juri li ma kienx hemm soċjetà bejn il-kontendenti. F'dan is-sens tippropendi l-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXXIV-III-892);

Illi minn dan tinżel il-konsegwenza li l-ftehim fuq il-profitti għandu jiftiehem bħala ftehim dwar l-imgħax; u billi r-rata tal-imgħax ma tirriżultax speċifikatament mifthema, l-attur huwa ntitolat għall-imgħax tal-ħamsa fil-mija (5%) fis-sena, kif kalkulati mill-konvenut fil-prospett fol. 13, 14 u 15 tal-proċess;

Illi, kwantu għall-ammonti mħallsa mill-konvenut, l-attur ma jikkontestahomx (ara verbal fol. 24);

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba, billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' £31.5.11; kwantu għal £10.16.7, bilanċ tal-kapital ta' £50, bl-imgħax ulterjuri mit-3 ta' Ottubru 1956; u kwantu għal £10.9.4, bilanċ tal-kapital ta' £20,

bl-istess imgħax ulterjuri mis-6 ta' Ottubru ta' l-istess sena.

**L-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti skond ir-rebħ u t-telf.**